A.L. 118 ta' l-2002

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (STOCK U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm10,000,000 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007 (It-Tielet Ħruġ) *Fungibility Issue*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza li l-Lm10,000,000 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi miżjud u maħruġ kif ġej:-

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinhareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. (a) Applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

(b) Meta l-i*Stock* jiġi reġistrat, dan jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007 (III).

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* m'għandhiex teċċedi Lm10,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.80,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-10 ta' Ġunju u fl-10 ta' Diċembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn il-11 ta' Ġunju, 2002 u l-10 ta' Diċembru, 2002 isir fl-10 ta' Diċembru, 2002.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fl-10 ta'Ġunju, 2007.